**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 390/2016**

**TN**

**vs**

**Cordina Insurance Agency Ltd. (C 5709)**

**– Agenti tal-kumpanija assikuratrici SOVAG Schwarzmeer und Ostsee Versicherungs-Aktiengesellschaft Hamburg, Germany**

**Seduta tal-11 t'April, 2017**

**L-Arbitru ra l-ilment** fejn l-ilmentatrici tissottometti:

Illi fl-24 ta' Frar, 2016, hija ibbukkjat *tour* ma' *Britannia Tours* ghal safra bejn il-25 ta' Marzu, 2016 u l-1 t'April, 2016;

Illi dakinhar stess xtrat *Group Travel Policy* li *Britannia Tours* jbieghu mat-*tour;*

Illi missierha kellu 89 sena u l-mard li kellu kien relatat mal-eta` avvanzata li kellu u kien ghadu mobbli u jghix hajja normali;

Illi fit-18 ta' Marzu, 2016, kien gie ezaminat ghall-kliewi, pero` nstab li kien tajjeb u stabbli, tant li inghata appuntament iehor ghall-vizta ghas-27 ta' Mejju, 2016;

Illi fit-22 ta' Marzu, 2016, hassu ma jiflahx u ddahhal l-isptar ghax irrizulta li kellu xi ilma fil-pulmun;

Illi peress li hi u ohtha kienu ser isiefru fil-25 ta' Marzu, 2016, gurnata qabel is-safra u, cioé, fl-24 ta' Marzu, 2016, huha staqsa lit-tabib tal-*ward* tal-isptar jekk hutu setghux isiefru;

Illi dan it-tabib qalilhom li missierhom ma kienx fil-periklu imminenti li jmut;

Illi għalhekk, fil-25 ta' Marzu, 2016, l-ilmentatrici u oħtha marru l-*airport,* għamlu c-*check-in*, u kif kienu se jagħmlu l-*boarding,* ħuhom ċemplilhom u qalilhom li missierhom kien qaleb għall-agħar u miet;

Illi l-*Britannia Tours* kienu avżati dwar dan mit-*Tour Leader;*

Illi fid-29 ta' Marzu, 2016, saret *claim* ma' *Cordina Insurance Agency Limited* li ingħatat kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' missier l-ilmentatrici;

Illi fit-23 ta' Ġunju, 2016, il-kumpanija assikuratrici ma laqgħetx il-*claim* peress li kien hemm klawsola fil-*policy* li kienet tgħid: *'if I knew of any reason why a trip might be cancelled'* u ma nfurmajthomx;

Illi meta ħadet l-*insurance cover* fl-24 ta' Frar, 2016, missierha kien jgħix ħajja normali bħala bniedem ta' 89 sena u kien jgħix id-dar;

Illi qatt ma kellu mard terminali jew xi marda li kienet ta' theddida għal ħajtu. Li kellu kien mard relatat mal-eta` avvanzata li kellu;

Illi hi kien ilha nieqsa mid-dar tletin sena għaliex kienet miżżewġa u kellha familja x'tieħu ħsieb;

Illi hija qatt ma setgħet tkun taf meta kien se jmut missierha, u li kieku kienet taf, żgur li ma kienetx se ssiefer, għax kieku ġara hekk, kien jibqa' jiddispjaċiha għomorha kollu;

Illi għalhekk qed tippretendi li l-*insurance* tħallasha s-somma ta' €811 li ħallset tal-vjaġġ u spejjeż oħra relatati sakemm jinqata' dan l-ilment.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn qal:**

Illi *Cordina Insurance Agency Limited* kienet l-aġent tal-kumpanija estera *SOVAG* u għalhekk l-ilment kellu jsir kontra *SOVAG*;

Illi l-ilmentatrici kellha id-Dok. F u Dok. SG2 u ma ndenjatx ruħha li taqrahom;

Illi qatt ma nfurmathom li missierha kellu 89 sena u kellu numru ta' kundizzjonijiet mediċi;

Illi l-kawża tal-mewt ta' missierha kienet li kien ibati minn *Heart Problems,* liema kundizzjonijiet kienu ilhom miegħu;

Illi l-*insurance* ghamlet ricerki medici fuq missier l-ilmentatrici u l-konsulent mediku tal-*insurance* ghamel rapport Dok. SG4;

Illi missierha kellu tlett volumi ta' storja medika u dan ma giex zvelat lill-*insurance;*

Illi ghalkemm ohtha kienet thallset mill-*insurance* taghha, il-kundizzjonijiet tal-polza kienu differenti;

Illi jaghmel referenza ghal Dok. SG5, b'mod specifiku, ghal *Special Conditions Applying to Section 1.*

**L-Arbitru,**

**Ra d-dokumenti esebiti,**

**Sema' x-xhieda,**

**Ra r-rapport tal-espert mediku, il-Professur Emanuel Farrugia mahtur minnu,**

**Jikkonsidra:**

Dwar l-ewwel eccezzjoni gie deciz flimkien mal-partijiet illi *Cordina Insurance Agency Limited* qieghda tidher f'dan il-kaz bhala agent ta' *SOVAG* u l-okkju tal-kaz juri dan.

Illi fil-qosor, dan il-kaz jittratta dwar jekk l-ilmentatrici kienetx intitolata li tithallas tas-safra li kienet ser taghmel ghaliex, kif kienet l-ajruport u ser titla' l-ajruplan, qalulha li kien miet missierha u ghalhekk kellha thassar il-vjagg.

L-*insurance* issostni li m'ghandhiex thallasha ghaliex ma kienetx qaltilhom minn qabel li missierha kellu 89 sena u kien ibati minn diversi kundizzjonijiet medici.

Il-provditur tas-servizz jghid fir-risposta tieghu illi l-assikuratrici kienet inghatat *'policy sheet'* li hija mmarkata fil-process bhala Dok. F[1] jew Dok. SG2.[2]

Il-klawsola pertinenti ta' *exclusion* kienet tghid hekk:

---

[1] A fol 15
[2] A fol 29

'***You*** *knew of any reason why a trip might be cancelled or cut short (such as illness of a close relative) unless this was declared to us and we accepted the condition for insurance in writing.'*

Jghid ukoll li l-ilmentatrici kienet inghatat ukoll sommarju tal-*policy* immarkat Dok. SG3.[3]

L-Arbitru jinnota li d-dicitura tal-kundizzjoni m'hijiex identika ghaliex f'Dok. SG3, il-klawsola tghid hekk:

*'You must not be aware of any reason why the proposed journey could be cancelled or curtailed'* u mkien m'hemm imsemmi bhal Dok. F, il-kliem '*such as illness of a close relative….etc.'*

Mela *ex admissis* il-provditur ta lill-ilmentatrici zewg dokumenti b'dicituri differenti u ilmenta maghha li m'onoratx il-kundizzjoniet tal-polza. Ghal liema kundizzjoni qed jirreferi: ghal Dok. F (SG1) jew Dok. SG3?

Fir-risposta qed jikkwotahom it-tnejn.

Fil-kuntratti ta' *insurance* il-massima principali hi li l-principju ta' *uberrima fides* jorbot mhux biss lil min jixtri *insurance,* imma anke lill-*insurance*. Kif qalet sew il-Qorti tal-Appell,[4] l-*uberrima fides* qieghda fuq iz-zewg partijiet f'kuntratt ta' assikurazzjoni:

'*Ma hemmx ghalfejn jinghad illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni kien wiehed li jesigi l-massima bona fede miz-zewg kontraenti.'*

Ma jistax il-provditur tas-servizz jaghti zewg verzjonijiet tal-istess *policy* bi kliem differenti u f'kaz ta' *claim* jaghzel li jaqbillu.

L-Arbitru ma jistax jifhem ghala kien hemm verzjonijiet differenti, pero` l-gist taghhom hu li min ikun jaf b'xi raguni ghala l-vjagg kellu jithassar jew jiqsar, u ma kienx jinforma minn qabel lill-*insurance,* ma kienx ikun kopert.

---

[3] A fol 31

[4] Carmel u Bernardette  Bajada vs Middle Sea Insurance Company, QA, 5/10/2001

Ghalhekk l-Arbitru fil-kuntest tal-Kap. 555, Art. 19 (3)(b) jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li **fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkustanzi partikulari u l-merti sostantivi tal-kaz.**

Mill-atti tal-kaz jirrizulta li missier l-ilmentatrici kellu 89 sena u kellu diversi kundizzjonijiet medici u anke gieli ddahhal l-isptar. L-ilmentatrici xehdet li l-mard li kellu misserha kien relatat max-xjuhija u kien ilu fuqu numru ta' snin. Kien ghadu jghix id-dar, u fic-cirkustanzi tal-eta` avvanzata li kellu, kien jghix hajja stabbli.

Tghid ukoll li meta ghamlet il-*booking* u xtrat l-*insurance*, missierha kien stabbli u, ghalhekk, qatt ma basret li kien ser imut. Tghid illi kieku kienet taf li missierha kien ser imut, ma kienetx tibbukkja, u wisq anqas tkun ser titla' l-ajruplan u ssiefer.[5]

Biex tavvera ruhha din il-kundizzjoni, l-ilmentatrici riedet tkun taf li kien hemm raguni li l-vjagg kellu jithassar.

Fl-ezami li jrid isir f'dan ir-rigward trid tirrenja **ir-ragonevolezza** li hija wahda missisien tal-gudizzju tal-Arbitru.

Fil-kaz in ezami, meta l-ilmentatrici hadet l-*insurance* fl-24 ta' Marzu, 2016, tghid li ma kellhiex ghalfejn tahseb li missierha kien jista' jmut waqt li tkun imsiefra. Barra minn hekk, meta missierha ddahhal l-isptar ftit qabel is-safra tieghu, kienet diligenti bizzejjed biex staqsiet lit-tabib kuranti jekk kellhiex issiefer. U jekk missierha setax imut waqt li tkun imsiefra.

Hu l-ilmentatrici, PS, xehed[6] illi missierhom kien bniedem anzjan u kellu mard relatat mal-eta` tieghu u ma kellux mard terminali. Kienu jiehdu hsiebu hutu li ma kienux mizzewgin:

*'Ma kellix biza' li missieri kellu xi mard li se jmut dalwaqt. Nghid li ahna qeghdin familja ta' 6 u kollha konna nsiefru regolari u qatt ma kellna problemi. Nghid li ohti [7]kienet inxurjata ma' Citadel Insurance. Kellha l-istess termini tal-insurance kelma b'kelma u hallsuha .....'*

[5] A fol 42 et seq
[6] A fol 44 et seq
[7] Mhux l-ilmentatrici

In kontro-ezami jghid:

*'Nghid illi meta missieri dahal l-isptar fit-23 ta' Marzu, huti qaluli biex nistaqsi lit-tabib jekk jistghux isiefru u staqsejt lit-tabib u qalli iva jistghu isiefru ghax m'ghandux affarijiet gravi.'*[8]

L-Arbitru jemmen din ix-xhieda ghaliex hekk jigri normalment. Hadd ma jkun jixtieq li xi genitur tieghu imut waqt li jkun imsiefer.

Kien wara li t-tabib kuranti ta' missierha qalilhom li jistghu isiefru, li hi ddecidiet li tkompli bil-pjani taghha li ssiefer. Fil-fatt, kienet diga` marret l-ajruport u kienet ser titla' fuq l-ajruplan meta dahlitilha l-ahbar li missierha kien miet.

Dan ikompli aktar jikkonvinci lill-Arbitru li hija kienet qieghda tagixxi *in buona fede:* ghaliex min ser joqghod imur l-ajruport u jkun ser jitla' fuq l-ajruplan jekk kellu dubju li xi genitur tieghu kien ser imut?

L-ilmentatrici xehdet ukoll li hi kienet mizzewga u kien ilha nieqsa mid-dar ghal tletin sena, u ghalkemm kienet taf li missierha kellu kundizzjonijiet medici konnessi mal-eta`, hadd ma qalilha li missierha kien f'qaghda imminenti li jmut.

Sabiex jigi stabbilit jekk missier l-ilmentatrici kellux *pre-medical conditions* li kienu huma li wasslu ghall-mewt tieghu, u jekk allura l-ilmentatrici kienetx f'pozizzjoni li tkun taf jekk kienx hemm raguni biex il-vjagg jithassar, l-Arbitru innomina lill-Professur tal-Medicina, Emanuel Farrugia, sabiex jara r-*records* medici ta' missier l-ilmentatrici, u jekk dawn il-kundizzjonijiet kienux wasslu ghall-mewt tieghu.

Fir-rapport tieghu,[9] il-Professur Farrugia jghid li, filwaqt li missier l-ilmentatrici, VV, kellu diversi kundizzjonijiet u ddahhal diversi drabi l-isptar, dan kien mard li kien konness mal-eta` avvanzata tieghu.

Huwa ikkonkluda hekk:

*'Mr VV kien ukoll jattendi b'mod regolari ghall-visti u testijiet tad-demm u x-rays f'diversi sezzjonijiet ta' l-outpatients ta' Mater Dei ...... L-ahhar vista l-outpatients*

---

[8] A fol 44

[9] A fol 46 et seq

*kienet fit-18 ta' Marzu, fejn il-kundizzjoni tal-kliewi ta' Mr VV giet deskritta bhala wahda stabbli.*

*Waqt li Mr VV kien rikoverat l-isptar ghall-ahhar darba, it-tobba jiktbu noti dettaljati ta' kuljum, bhal ma dejjem jaghmlu. Ghalkemm Mr VV kien anzjan, b'hafna mard serju, it-tobba fl-ebda punt ma indikaw li l-pazjent kien fi stat terminali. Sahansitra, lejliet li miet, il-konsulent Dr Martin Balzan kiteb: 'patient well, feeling better, less short of breath but not back to baseline' u talab biex isiru aktar testijiet radjologici.*

*Konkluzjoni*

*Filwaqt li Mr VV kellu diversi mard pre-ezistenti, it-tobba kuranti tieghu ma bassrux jew ma rawx minn qabel li Mr VV kien se jmut fiz-zmien daqshekk qasir. In oltre, il-kundizzjonijiet ta' Mr VV meta miet kien ilhom jezistu ghal diversi snin, u l-pazjent kien medikalment stabbli.'*[10]

Minn dan kollu, galadarba lanqas it-tobba ma bassru li missier l-ilmentatrici kien ser imut daqshekk malajr mindu ddahhal l-isptar, mhux mistenni li persuna li m'ghandhiex konoxxenza medika, bhall-ilmentatrici, tista' tkun *('aware')* jew tbassar li missierha kien ser imut f'daqqa.

L-Arbitru jemmen lill-ilmentatrici: illi kieku kienet taf li missierha kien ser imut, ma kienetx tmur l-*airpor*t u kwazi titla' l-ajruplan. Meta ibbukkjat il-vjagg u hadet l-*insurance cover*, hija kienet taf biss li missierha kellu mard tax-xjuhija u qatt ma bassret li missierha kien ser imut proprju dakinhar li kienet ser issiefer.

It-test huwa wiehed soggettiv, jigifieri jekk l-ilmentatrici setghetx tobsor li missierha kien ser imut, u li jekk kienet taf b'dan, kellha tinforma lill-*insurance.*

Il-kelma uzata fil-*policy* hija *'YOU knew of any reason…etc.'*

Dwar l-element tas-soggettivita` li ghandha tintuza f'dawn il-kazi, il-Qorti tal-Appell qalet, f'kaz simili, li t-test ghal *non disclosure of a material fact* huwa test soggettiv, jigifieri x'kien il-*forma mentis* tal-assikurat fil-mument li ha l-polza u mhux wara:

[10] A fol 47-48

*'Fi kliem iehor, biex wiehed jistabbilixxi l-forma mentis tal-attur fil-mument li dan ottjena l-assigurazzjoni de quo ghalih u ghal martu minghand is-socjeta` konvenuta, ma jistax jaghmel dan per via ta' ragjonament kondott ex post facto.'*[11]

Ma jirrizultax li l-ilmentatrici ma mxietx mal-*policy* li hadet, u m'hemm l-ebda indikazzjoni li b'xi mod, l-ilmentatrici ma mxietx mal-obbligu taghha u riedet tahbi xi haga mill-*insurance.*

Illi kif inghad mill-espert mediku, galadarba lanqas it-tobba ma bassru li missier l-ilmentatrici kien ser imut, lanqas mhu mistenni mill-ilmentatrici li tkun taf x'kien ser jigri meta, kemm hi u kemm hutha kollha, kienu jsiefru regolari; u missierhom, minkejja l-mard tal-eta` li kellu, qatt ma kien inqalalu xejn.

L-ilmentatrici uzat id-diligenza mehtiega meta, permezz ta' huha, PS, staqsiet lit-tabib kuranti ta' missierha fl-Isptar Mater Dei, jekk setghetx issiefer jew le, u d-decizjoni li hadet kien fuq parir mediku.

L-Arbitru hu tal-konvinciment li l-pretensjoni tal-ilmentatrici hija wahda gusta, ekwa u ragonevoli fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz u, ghar-ragunijiet moghtija, qed jilqa' dan l-ilment.

Ghalhekk, L-Arbitru qed jordna lil *Cordina Insurance Agency Limited,* fil-kwalita` taghha premessa, thallas lill-ilmentatrici is-somma ta' tmien mija u hdax-il Ewro (€811), bhala hlas konnessi mal-vjagg li kienet sejra taghmel.

L-Arbitru qed jordna lill-istess *Cordina Insurance Agency Limited,* fil-kwalita` premessa, thallas lill-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji, s-somma ta' €300, bhala hlas tar-rapport tal-espert mediku.

L-ispejjez tal-kaz huma a kariku tal-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

[11] P u D konjugi S vs Joseph Grech noe, QA, 28/11/2003